MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 380/2002/1

**Avviz numru 380/02DM**

**Pater Finance Co Ltd.**

**Vs**

**James Calvert**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghall hlas tas-somma elf hames mija tlieta u sittin lira Maltin (Lm1563) rapprezentanti import ta' erbatax (14) il-kambjala, wahda ta' Lm198 (bilanc) u tlettax il-kambjala ta' Lm105 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Mejju 2001 sa Gunju

2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mall-avviz u mmarkati bhala dokumenti numri minn 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat – 28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm75, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 21 Frar, 2002, u 8 Mejju 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;
.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjalijiet esibiti u rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-istess atturi li permezz ta' liema huma rriducew is-sorte ghas-somma ta' Lm780 (seba' mija u tmenin lira Maltin) issib illi t-talba attrici ghal dan l-ammont hija gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tmein lira Maltin (Lm780) oltre s-somma ta' Lm75 (hamsa u sebghin lira Maltin) imghax skadut sat-28 ta' Mejju tas-sena 2002 u bl-imghax ulterjuri b'effett mid-29 ta' Mejju 2002 fuq il-kapital dovut ta' LM780 seba' mija u tmein lira Maltinl

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------